

## DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nrū 181/2012

tat-28 ta' Settembru 2012

### li temenda l-Anness XIX (Protezzjoni tal-konsumatur) għall-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (<sup>1</sup>) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Id-Direttiva 2011/83/UE tirrevoka, b'effett mit-13 ta' Ġunju 2014, id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE (<sup>2</sup>) u d-Direttiva 97/7/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (<sup>3</sup>) li huma inkorporati fil-Ftehim ŻEE u li konsegwement ser jiġu rrevokati skont il-Ftehim ŻEE b'effett mit-13 ta' Ġunju 2014.
- (3) L-Anness XIX għall-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendant kif adatt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

#### Artikolu 1

L-Anness XIX għall-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendant kif ġej:

1. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 7h (Direttiva 2008/48/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"7i. **32011 L 0083:** id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64)."

2. Dan li ġej ser jiżdied fil-punti 7a (id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE) u 7e (id-Direttiva 1999/44/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

“, kif emendant minn:

— **32011 L 0083:** id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64)."

3. It-test tal-punti 3 (id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE) u 3a (id-Direttiva 97/7/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) ser jitħassar b'effett mit-13 ta' Ġunju 2014.

#### Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2011/83/UE bil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ma' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

#### Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-29 ta' Settembru 2012, sakemm in-notifikasi kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE jkunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

#### Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2012.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

*Atle LEIKVOLL*

<sup>(1)</sup> ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64.

<sup>(2)</sup> ĠU L 372, 31.12.1985, p. 31.

<sup>(3)</sup> ĠU L 144, 4.6.1997, p. 19.

<sup>(\*)</sup> Rekiżi kostituzzjonali indikati.